MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 133/2000/1

**San Lawrenz Leisure Resort Limited**

**v.**

**Adam Jones u Spencer Seeley ezercitanti l-kummerc taht l-isem Jones & Seeley Interiors**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` San Lawrenz Leisure Resort Limited minn sentenza ta' ritrattazzjoni

deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Generali moghtija fl-10 ta' Ottubru 2008.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht.

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet illi:

"Illi permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-tnejn (2) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u disgħin (1999), Ċitazzjoni numru 117/1999 fl-ismijiet inversi l-konvenuti (atturi f'dik il-kawża) talbu li s-soċjeta' attriċi tiġi ddikjarata debitriċi fil-konfront tagħhom atturi u kkundannata tħallas is-somma ta' erbat elef, tlett mija u sitta u ħamsin lira Maltija u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm4,356.97) flimkien ma' ammont ulterjuri li talbu li jiġi likwidat in linea ta' telf ta' qliegh li l-atturi tilfu minħabba t-terminazzjoni ta' appalt.

"Illi dik il-kawża ġiet deċiża fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta u dan billi ntlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi u ġew miċħuda t-talbiet l-oħra minħabba nuqqas ta' provi. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta ġiet ikkundannata tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' erbat elef, tlett mija u sitta u ħamsin lira maltija u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm4,356.97) flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u l-interessi legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas relattiv.

"Illi dik is-sentenza ġiet miksuba bi ksur tal-jeddijiet tas-soċjeta' attriċi għaliex iċ-ċitazzjoni relattiva qatt ma waslet f'idejn jew ġiet a konoxxenza tad-diretturi tagħha u tal-persuni awtoriżżati sabiex jirrappreżentawha fi proċeduri ġudizzjarji.

"Illi għalhekk a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili s-soċjeta' attriċi għandha l-jedd titlob ir-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza.

“Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Għar-raġunijiet fuq imsemmija tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza tagħha mogħtija bil-ġudizzju fl-ismijiet “Adam Jones u Spencer Seeley vs San Lawrenz Leisure Resort Limited” fil-ħdax (11) ta’ Jannar tas-sena elfejn (2000).

“2. Tordna s-smiegħ mill-ġdid ta’ l-istess kawża.

“Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess soċjeta' attriċi konfermata bil-ġurament ta' Joseph Baldacchino.
“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijet tal-konvenuti li eċċepew illi:

“1. Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 818(1)(b) tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif jista’ jiġi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet fuq premessi;

“2. illi in meritu u mingħajr preġudizzju, għall-premess, kif kkonfermat fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili datata ħdax (11) ta’ Jannar, 2000, u kif jista’ jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kontrarjament għall-premessi attriċi kien hemm “*riferta pożittiva tas-soċjeta’ konvenuta b’din iċ-ċitazzjoni, kif ukll bl-appuntament tas-smiegħ ta’ din il-kawża li ġġib id-data tas-16 ta’ Awissu 1999 din il-kawża”* u għaldaqstant m’hemm ebda bażi legali sabiex is-sentenza mertu ta’ din il-kawża tiġi revokata. Hawn ta’ min jinnota illi għalkemm is-soċjeta’ attriċi ssostni fiċ-ċitazzjoni odjerna illi “ċ-ċitazzjoni relattiva ma waslitx f’idejn jew ġiet a konoxxenza tad-diretturi tagħha u tal-persuni awtoriżżati sabiex jirrappreżentawha fi proċeduri ġudizzjarji”, qatt ma ġabet provi in sostenn ta’ dan u inoltre qatt ma ċaħdet kategorikament illi s-soċjeta’ in kwistjoni ġiet debitament interpellata u notifikata u li l-kontumaċja rriżulta merament u unikament minħabba

traskuraġni, negliġenza w imperizja ta’ l-istess soċjeta attriċi;

“3. illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

“4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Adrienne Agius.

“Rat l-atti tal-kawża ċitazzjoni Numru 117/1999 fl-ismijiet inversi, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta’ Jannar 2000 u li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni permezz tal-proċeduri preżenti, liema kawża ġiet allegata ma' l-atti tal-kawża odjerna a tenur ta' digriet ta' din il-Qorti tas-19 ta' Lulju 2006.

“Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża fejn qed tintalab ir-ritrattazzjoni ta’ kawża oħra li nqagħtet b’mod definittiv u ma kienx hemm appell minnha. Fid-‘**Diritto Processuale Civile**’ tas-serie ‘***Manuali Giuridici’*** (Edizione Guridiche Simone - 2000) fil-kapitolu 4 li jittratta “La revocazione” pag. 411, insibu spjegat illi:

*““La revocazione costituisce un mezzo di impugnazione limitato a singole ipotesi tassattivamente indicate all’articolo 395 c.p.c.Essa e’ fondata sulla esistenza di particolari circostanze che,se fossero state conosciute dal giudice, avrebbero portato ad un giudizio diverso.”*

“Il-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet jippronunzjaw ruħhom dwar kif għandha tiġi ttrattata kawża simili. Infatti ngħad illi dan ir-rimedju:

*“"…Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di dirittto, ma solo in quei casi tassattivamente stabiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che solo potra' mettere fine alla lite, poiche' l'autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."* [1]

“Fl-Appell ċivili: “Kontrollur tad-Dwana vs. Michael Zammit et." deċiża fil-5.6.1985 ġie mfisser illi:

*““L-artikolu 814 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili* (illum l-artikolu 811) *jiddisponi illi ‘kawża deċiża b’sentenza mogħtija fi grad ta’ Appell tista', fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin….’ u l-artikolu 823* (illum 820) *jgħid illi (1) meta t-talba għar-ritrattazzjoni tiġi milqugħa bit-tħassir tas-sentenza appellata, il-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid fil-mertu fl-istess ġurnata jew f’oħra li tiddestina l-Qorti u (2) iżda fuq talba għr-ritrattazzjoni għandha tingħata dejjem sentenza separata;*

*“Jidher ċar mill-imsemmija kliem ta’ l-Artikoli ċċitati illi l-ġudizzju tar-ritrattazzjoni għandu żewġ skopi, jiġifieri dak li tiġi annullata sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dak li terġa’ tiftah it-trattazzjoni tal-kawża biex tiġi ottenuta sentenza. Għhalhekk il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn żewġ stadji wieħed differenti mill-ieħor magħrufin fid-dottrina bħala “**il rescindente**” u “**il rescissorio**”*.

*“Il-liġi għalhekk trid li qabel xejn tiġi mħassra jew revokata in toto s-sentenza impunjata billi mingħajr dan it-tħassir totali mhux possibbli li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista ssir it-trazzazzjoni il-ġdida tal-kawża billi sakemm dan it-tħassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta’ ostakolu għar-rieżami tal-kawża (Qorti*

[1] Kollez. vol. XXV. I. 141; ara wkoll : vol. XXVII. 122; vol. XXVII. I. 88; vol. XXIX. I. 798 u vol. LXXVIII. II. 13 .

*ta' l-Appell, Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et 27 ta' Gunju 1949, Kollez. Dec. Vol. XXXIII. I. 754)…."* [2]

"Fil-każ in eżami s-soċjeta' attriċi qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża indikata minħabba illi allegatament hija ma ġietx notifikata biċ-ċitazzjoni u l-appuntament tas-smiegħ tal-kawża skond il-liġi. Din hija appuntu waħda mir-raġunijiet imsemmija mil-liġi fl-artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 għaliex tista' tintalab ritrattazzjoni ta' kawża.

"Il-konvenuti qed jopponu t-talba a bażi tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 818(1)(b) u għaliex jikkontendu illi kien hemm notifika valida.

"A tenur ta' l-artikolu 818(1)(b) f'kawża għar-ritrattazzjoni bbażata kif inhi dik preżenti fuq in-nuqqas ta' notifika valida lill-atturi, iż-żmien li fih tista' ssir it-talba huwa ta' tliet xhur, li jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza. Dwar it-tifsira ta' dan ir-rekwiżit ġie stabilit illi:

*"" … l-artikolu 818(1) sub-paragrafu (b) jiddisponi illi 'ż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b) (art. 811), mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza.' Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kull ma jinħtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun ġie a konoxxenza tal-fatt li ngħatat is-sentenza…(Joseph Mangion et vs Joseph Cassar - Appell, 27 ta' April 1999). Kif ġja drabi oħra rimarkat 'kwantu għall-prova ta' din ix-xjenza, il-piż tagħha jinkombi, mhux fuq minn jipproponi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni, imma fuq il-konvenut, b'mod ili huwa dmir ta' dan li jipprova li l-attur ippropona l-azzjoni aktar minn tliet xhur wara li kien jaf bis-sentenza attakkata… F'każ ta' dubbju dwar din il-prova, il-benefiċċju tad-dubbju għandu jmur favur l-attur, għax il-prova da parti tal-konvenut ma tkunx saret konkludentement (Emmanuele Ingunaez et vs Giovanni Testa et. - Appell Civili, 9 ta' Gunju 1959."* [3]

---

[2] vol. LXIX. II. 220 .
[3] Said International Limited vs MAC Limited et. : Appell - 7.7.2003 .

“Fil-każ in eżami d-diretturi tas-soċjeta' attriċi qed jgħidu illi huma saru jafu bis-sentenza hekk kif irċevew mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra tagħhom spedit fuq talba tal-konvenuti preżenti. Il-konvenuti ma ressqu ebda prova biex jikkontradiċu dak li qed issosti s-soċjeta' attriċi f'dan ir-rigward, u għalhekk a bażi ta' dawn il-prinċipji, għandha tiġi aċċettata bħala verosimili din il-verżjoni tas-soċjeta' attriċi. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi għalhekk respinta.

“Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jikkontendu illi, kuntrarjament għal dak li qed tallega s-soċjeta' attriċi, kien hemm notifika valida tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Mill-atti tal-kawża kontestata, jirriżulta li fis-16 ta' Awissu 1999 saret riferta pożittiva lil ċertu "*Edmond Theuma*" fl-indirizz "*Triq ir-Rokon, San Lawrenz, Għawdex*.". Is-soċjeta' attriċi qed titfa' dubbju kemm il-kalegrafija tal-marixxall tal-Qorti tista' tiġi nterpretata f'dan is-sens, għax l-isem iżjed jinqara "*Edward Theuma*" u s-soċjeta' attriċi ma kellha lill-ebda Edward Thuema mpjegat magħha. Irriżulta pero' mill-provi prodotti illi dik il-ħabta l-General Manager tal-lukanda San Lawrenz Leisure Resort, ġestita mis-soċjeta' attriċi, kien appuntu l-imsemmi Edmond Theuma, u skond ma qalu l-istess xhieda prodotti mis-soċjeta' attriċi, lkoll impjegati f'dik il-lukanda fl-epoka li saret il-kawża, il-korrispondenza tal-lukanda kienet tiġi riferuta lilu. Għalhekk ma għandu jibqa' ebda dubbju li dik kienet tassew il-persuna li ġiet notifikata bl-atti tal-Qorti.

“A tenur ta' l-artikilu 187(4) tal-Kap. 12, applikabbli għan-notifika ta' soċjeta' kummerċjali bħala ma għandha hawnhekk:
"Fil-każ ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja ta' l-iskrittura:

“(a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

“(b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmja fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A bil-mod ipprovdut fis-subartiklu (1) ta' dan l-artikolu."

“Issa fil-każ in eżami rriżulta illi n-notifika taċ-ċitazzjoni tal-kawża kontestata u l-appuntament tas-smiegħ ta' l-istess kawża saru lill-General Manager, li allura żgur jikkwalifika bħala "**impjegat ta' dak il-korp**", u fil-lukanda San Lawrenz, li hija "**post tan-negozju"** tas-soċjeta' attriċi. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li qed issostni s-soċjeta' attriċi, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li din in-notifka ssir neċessarjament lid-diretturi tal-kumpanija u fl-indirizz reġistrat tagħha. Dawn huma biss żewġ *options* mogħtija mill-liġi, imma ċertament mhux l-uniċi.

“Dwar l-allegazzjoni l-oħra illi dan Edmond Thuema dik il-ħabta kellu problema ta' alkaholiżmu, u nfatti ġie mkeċċi mill-impieg xi xahar wara, u għalhekk, għax ma tantx kien qed jieħu wisq interess fix-xogħol tiegħu, wisq probabbli ħalla l-atti tal-kawża fuq l-iskrivanija tiegħu mingħajr ma qatt għaddihom jew informa lid-diretturi bihom, din hija biss kwistjoni interna bejn is-soċjeta' attriċi u l-impjegat konċernat, u ċeratament ma tista' titfa' ebda ħtija fuq il-konvenuti f'dan ir-rigward, ġialadarba jirriżulta li kien hemm notifika valida.

“Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li kien hemm notifika valida skond il-liġi ta' l-atti tal-kawża kontestata, tiċħad it-talba attriċi għat-tħassir u revoka tas-sentenza msemmija u t-talba konsegwenzjali għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża.

“Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi quddiem l-ewwel Qorti s-socjeta` appellanti bbazat it-talba taghha ghat-thassir tas-sentenza datata 11 ta’ Jannar 2000 fl-ismijiet inversi abbazi tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u precizament billi c-citazzjoni relattiva qatt ma waslet f’idejn jew giet a

konoxxenza tad-diretturi tal-istess socjeta` u tal-persuni awtorizzati sabiex jirraprezentawha fi proceduri gudizzjarji.

Permezz tas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru 2008, l-ewwel Qorti ddikjarat li kien hemm notifika valida skont il-ligi tal-atti tal-kawza kontestata u cahdet it-talbiet tas-socjeta` appellanti ghat-thassir u revoka tas-sentenza tal-11 ta’ Jannar 2000 u t-talba konsegwenzjali ghar-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` ritrattanti. L-aggravju principali taghha huwa illi l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin ghall-fatti tal-kaz billi skont hi l-atti gew notifikati lil persuna li ma kellhiex is-setgha li tiddefendiha fil-proceduri inkwistjoni; u dan *multo magis* meta l-istess notifika ma saritx fl-ufficcju registrat tal-istess socjeta`.

Minn ezami tal-atti pprezentati quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta dan li gej:-

1. Illi fit-2 ta’ Awwissu 1999 l-appellati fil-proceduri odjerni intavolaw kawza kontra s-socjeta` appellanti ghall-kundanna tal-istess socjeta` ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm4,356.97;

2. L-istess kawza giet notifikata lis-socjeta` appellanti permezz ta’ notifika lil Edmond Theuma fl-indirizz Triq ir-Rokon, San Lawrenz, Ghawdex;

3. Billi ma giet ipprezentata l-ebda risposta da parti tas-socjeta` appellanti, fil-11 ta’ Jannar 2000 inghatat sentenza fejn intlaqghu t-talbiet tal-appellati.

4. Fis-26 ta’ Lulju 2000 l-appellanti intavolaw rikors ghat-thassir tal-precitata sentenza u ritrattazzjoni tal-istess kawza stante n-nuqqas ta’ notifika valida tac-citazzjoni intavolata mill-appellati.

Is-socjeta` appellanti ssostni fl-appell taghha li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazin ghall-fatti tal-kaz. Skont l-istess socjeta` l-kwistjoni principali hi jekk effettivament ic-citazzjoni gietx notifikata lil persuni li kellhom is-setgha li jiddefenduha fil-proceduri inkwistjoni u meta n-notifika ma saritx fl-ufficcju registrat taghha. L-istess socjeta` tghid ukoll illi bla pregudizzju ghal dak li ghadu kemm intqal, irrispettivament ta’ x’jghid l-Artikolu 187 (4) tal-Kap. 12, tali artikolu ma jista’ qatt jiehu s-sopravvent fuq il-principju tal-*audi alteram partem* ghaliex altrimenti d-dritt tal-kumpanija involuta ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli jigi vvjolat.

Din il-Qorti diga` kellha l-okkazzjoni tesprimi ruhha fuq ir-referenza kostituzzjonali li ntalbet mis-socjeta` appellanti fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Jannar 2011 fejn hija cahdet dik it-talba.

Din il-Qorti trid tezamina jekk is-sentenza tal-ewwel Qorti applikatx il-ligi korrettement sabiex jigi stabbilit jekk saritx notifika valida jew le.

Din il-Qorti kellha bosta okkazjonijiet fejn espremiet ruhha fuq in-natura straordinarja ta’ dan il-mezz ta’ impunjazzjoni ta’ sentenza u fuq il-principju illi *res judicata pro veritate habetur.*

Is-socjeta` appellanti qeghdha tibbaza t-talba taghha sabiex is-sentenza kontestata tigi rexissa fuq Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12. Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li r-rekwiziti ta’ notifika korretta huma ta’ natura ta’ ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati skrupolozament.

Jirrizulta mill-atti illi n-notifika saret lil Edmond Theuma li fiz-zmien meta saret l-istess notifika kien General Manager fil-lukanda San Lawrenz gewwa Ghawdex. Is-socjeta` appellanti pproduciet bhala xhieda impjegati u ex-impjegata taghha li xehdu li l-imsemmi Theuma kellu problema ta’ xorb, pero` kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti din hija materja strettament interna bejn is-socjeta` appellanti u l-impjegat taghha. Sabiex jigi stabbilit jekk l-imsemmi

Theuma kienx persuna idoneja li jircievi l-imsemmi att gudizzjarju jrid jigi sodisfatt it-test impost mill-Artikolu 187 (4) tal-Kap. 12 [4].

Illi ma giex kontestat illi l-lukanda fejn giet notifikata c-citazzjoni hija l-post tan-negozju tas-socjeta` appellanti. Ma giex kontestat lanqas, anzi gie ppruvat mill-istess socjeta` appellanta permezz tal-affidavits ipprezentati, illi Edmond Theuma kien jokkupa l-kariga ta' General Manager fl-istess lukanda u ghalhekk certament jaqa' fil-klassifikazzjoni ta' impjegat tal-istess socjeta`.

Din il-Qorti ma tara li hemm xejn fl-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 li jmur kontra l-principju ta' *audi alteram partem* jew li b'xi mod jikser id-dritt ghal-smigh xieraq meta l-Kodici ta' Procedura Civili jipprovvdi ghal notifika tal-att gudizzjarju wkoll f'idejn l-impjegat ta' socjeta` (f'dan il-kaz il-*manager* stess) u fil-post tan-negozju tal-istess socjeta`. Zgur li b'dak il-mod is-socjeta' appellanti ma kellhiex ghaliex ma tigix notifikata. Dawn huma whud mill-alternattivi li tipprovdi l-ligi u ghalhekk mhux mehtieg li necessarjament ikun id-direttur li jigi notifikat jew li n-notifika ssir fl-ufficcju registrat tas-socjeta`.

Is-socjeta` appellanti tillmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li *"l-fatt illi l-impjegat ma ghaddiex l-atti lid-diretturi tas-socjeta` attrici, hija biss kwistjoni interna bejn is-socjeta` attrici u l-impjegat koncernat."* Din il-Qorti tirrimarka illi din m'hijiex kwotazzjoni fidila tas-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti qalet li minhabba l-allegazzjoni li l-imsemmi Theuma kellu problema ta' alkaholizmu, wisq probabbli li gara kien li halla l-atti tal-kawza fuq l-iskrivanija tieghu minghajr ma qatt ghaddihom jew informa lid-diretturi bihom, pero` din hi biss kwistjoni interna bejn is-socjeta` appellanti u l-

[4] (4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:
(*a*) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew
(*b*) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).

impjegat koncernat. Jekk is-socjeta` appellanti kienet taf li l-General Manager kien qed jonqos mid-doveri tieghu allura hi kellha tiehu l-mizuri opportuni fic-cirkostanzi, pero` ma tistax tattakka validita` ta' notifika abbazi tal-fatt li impjegat taghha seta' kien negligenti. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li jekk dan hu l-kaz, il-kwistjoni tirrisolvi ruhha f'wahda strettament interna u ma tistax taffettwa sentenza ottenuta validament.

Ghaldaqstant kwalunkwe pretensjoni mressqa f'dan l-istadju mis-socjeta` appellanti li riedu li jigu notifikati l-persuni li kellhom is-setgha li jiddefenduha fil-proceduri in kontestazzjoni huma infondati u ghalhekk l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi respint.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` appellanti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------